SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IS-SEBA' KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 17-16

Illum it-Tnejn, 11 ta' Lulju 2016

Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-1.45p.m.

## PREŻENTI

Is-Sindku Terrence Ellul, il-Viċi Sindku Frederick Cutajar u l-Kunsilliera: Liam Sciberras u Joe Bonello. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo, ma kienetx preżenti għal din il-laqgħa.

## SKUŻATA

Il-Kunsilliera Caroline Galea infurmat lil Kunsill permezz ta' *e-mail* li ma setgħetx tattendi l-laqgħa minħabba npenji tax-xogħol.

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 16-2016 li saret nhar it-Tnejn, 27 ta' Ġunju 2016 ġew moqrija u approvati.

## *1. Mill-Minuti*

### *1.1.1 Xiri ta' air conditioners għall-Berġa*

Saret referenza għax-xiri ta' *air conditioners* għall-berġa ta' Santa Luċija. Ġie nutat lin-nies li jagħmlu użu minn din il-berġa kif ukoll l-istaff mediku qed jilmentaw minħabba s-sħana. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qabel sar ir-*refurbishment* tal-berġa kien hemm *airconditioner* wieħed fil-*waiting room* li kien twaħħal fl-*annex* tal-Kunsill waqt li kien qed jingħata servizz temporarju sa kemm tlesta x-xogħol fuq il-berġa. Hija qalet li meta tqis li dan l-*airconditioner* huwa antik u meta tqis li l-ispiża nvoluta biex jerġa jinqala' u jitwaħħal fil-berġa, ikun aħjar kieku jinxtara wieħed ġdid. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll li mill-kwotazzjonijiet li nġabru permess tas-sejħa bir-referenza SLLC (57/16/05) l-ispiża nvoluta biex il-kmamar kollha jkollhom l-*airconditioner* hija waħda konsiderevoli li ma kienetx riflessa fil-Budget 2016. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lid-Dipartiment għal Kura Primarja dwar din l-ispiża.

### *1.1.2 Avviżi fid-Djar*

Il-Sindku ppropona li l-avviż għall-ħarġa għal Għawdex u l-Avviż għal Sqallija jitqassmu fid-djar.

### *1.1.3 Proposta Dar tal-Anzjani fil-Konfini ta' Santa Luċija*

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għal minuta numru 7 tal-laqgħa preċidenti u qal li kien ġab konferma minn naħa tal-Partit Nazzjonalista, li ma kienx hemm qbil bejn is-sidien ta' dan il-proġett u l-partit imsemmi dwar dan l-iżvilupp.

Il-Viċi Sindku qal li forsi biddlu l-pożizzjoni. Huwa qal li fir-rigward tal-pożizjoni tal-Kunsill ta' Ħal Luqa kienet qed issir referenza għall-minuti tal-laqgħa li kienet saret fl-2014. Huwa rrefera għal kummenti li saru fuq il-*Facebook* u qal li jidher li ħafna nies lanqas biss kienu jafu li saret laqgħa pubblika.

Is-Sindku qal li l-Kunsill jista jesprimi biss opinjoni għax id-deċiżjoni jekk isirx il-proġett jew le mhiex fil-prelogattiva tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-minuti tal-laqgħa pubblika fejn ħareġ ċar li n-nies preżenti għal dik il-laqgħa kienu favur dan l-iżvilupp.

Il-Viċi Sindku qal lin-nies ta' Triq il-Ġibjun huma kontra dan l-iżvilupp.

Il-Kunsillier Bonello qal li din daqs l-iskola hija għan-nies u staqsa għala għall-iskola iva u għad-Dar tal-Anzjani le.

Qamet diskussjoni dwar il-bini eżistenti u l-effett fuq il-*water table*. Il-Kunsillier Sciberras ikkumenta dwar kif fi żmien Lorry Sant kien jiġi bil-gaffa u jieħu l-artijiet.

Il-Viċi Sindku talbu jissutanzja dak li qed jgħid.

### *1.1.4 Mirja fi Triq Peprin*

Il-Kunsillier Bonello irrefera għall-minuta numru 3.1 dwar mirja li kellhom isiru fi Triq Peprin quddiem Triq Pensjeri. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-mirja kienu ordnati. Ġie propost li dawn il-mirja jsiru fit-toroq l-oħra wkoll li jagħtu għal Triq Pepprin li huma Triq il-Bwieraq u Triq Ħalib it-Tajr. Issemma wkoll il-bżonn li tiddaħħal sistema ta' *one way*. Il-Viċi Sindku ppropona li nerġu nqajmu l-proposti li kienu saru fil-passat. Il-Kunsillier Bonello qal li trid issir konsultazjoni mar-residenti dwar il-proposti tal-Kunsill.

### *1.1.5 Tabella fil-Venda u periklu fi Triq Katerina Vitale*

Il-Kunsillier Bonello irrefera għall-minuta numru 4.7 tal-laqgħa preċedenti u staqsa jekk kienx hemm xi tweġiba minn Trasport Malta dwar it-talba tal-Kunsill biex issir tabella fil-venda u jekk kienx hemm xi *feedback* dwar il-periklu fi Triq Katerina Vitale. Is-Sindku qal li fuq it-tabella għandhom ikellmuna u fir-rigward ta' Triq Katerina Vitale għad m'hemm xejn.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn it-Tlieta, 28 ta' Ġunju 2016 u t-Tnejn, 11 ta' Lulju 2016 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 0715-16-O – Ronald Bezzina – Kuntratt SS (57-15-03) – *Letter of Acceptance*

- 0722-16-O – Trasport Malta – Tabella fuq il-Venda fi Triq Guljetta Lopez

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 0725-16-I - *Yoga Teacher –Project to a better use or public areas in Malta*
- 0732-16-I – *Ministry for Social Dialogue Consumer Affairs and Civil Liberties – Workers of the year 2016*
- 0741-16-I – *PPCD – Pre-Announcement Call IV*
- 0751-16-I – *Manufacturing and Services Department – Belisha Lights in* Santa Luċija
- 0752-16-I – *Speech and Language Clinic Paola Health Centre – Speech therapy services from District Health Clinic*

### 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:*

- ***Kulleġġ Dun Manuel Attard – Magazin Annwali 2015-2016***
- ***SLLC Memo 20-2016 - Jum Santa Luċija***
- ***SLLC Memo 21-2016 – Jum Santa Luċija 2016 – Spejjeż involuti fl-attivita' għall-attenzjoni tal-Kunsill***

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0725-16-I il-Kunsill innota *e-mail* dwar il-possibilita' li jintużaw spazji pubbliċi biex isiru sezzjonijiet ta' Joga Therapy għal persuni ta' kull eta'. Il-Kunsill qabel li tinġieb aktar informazzjoni dwar l-aspett finanzjarju ta' din il-proposta.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 732-16-I il-Kunsill innota l-avveniment – Ħaddiem tas-Sena 2016 li qed jiġi organizzat mill-Ministeru Għal Dialogu Soċjali Affarijiet tal-Konsumatur u Drittijiet Ċivili. Is-Segretarju tal-Kunsill fakkret li l-applikazzjoni trid tiġi sottomessa sat-30 ta' Settembru 2016.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0741-16-I is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill lill-PPCD ser tkun qed tlesti l-evalwazzjoni preliminarja tal-Proġetti taħt Pre-Announcement Call IV sa l-aħħar ta' Awissu 2016 minflok fis-27 ta' Mejju 2016 kif kien previst. Il- Viċi Sindku li qed jieħu ħsieb din l-applikazzjoni qal li dan ser jagħti aktar żmien lil Kunsill biex jagħmel il-*homework* tiegħu fuq il-

proġett tas-sit Arkeologiku fi Triq Lellux. Huwa tkellem dwar l-importanza li l-Kunsill ikollu l-Guardianship Deed mis-Superintendence of Cultural Heritage biex ikun jista' jipproċedi.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0751-16-I il-Kunsill innota proposta mid-Dipartiment tal-Manutenzjoni u Servizzi fir-rigward ta' xogħol ta' manutenzjoni fuq Belisha Lights. Fil-proposta tiegħu dan id-Dipartiment qed joffri li jagħmel dan ix-xogħol u l-Kunsill ikun responsabbli biss biex jipprovdi l-materjal. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-Belisha Lights jinsabu fi stat tajjeb u s-Sindku kellu jiċċekja jekk hemmx bżonn ta' manutenzjoni fuq iż-żewġ *belisha lights* ta' Dawret it-Torri u Triq Inez Soler.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0752-16-I is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li ser jerġa jibda is-servizz ta-Speech Therapy fil-Berġa. Hija qalet li kien kellimha il-kordinatur ta' dan is-servizz li qed jitlob mejda u siġġijiet żgħar għat-tfal. Hija qalet li l-ko-ordinatur diġa kellem lid-Dipartiment tal-Kura Primarja dwar din it-talba.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### *4.1 Proġett tal-Jogging Track*

Is-Sindku nforma lil Kunsill dwar l-aħħar zvilippi fir-rigward tal-proġett tal-Jogging Track. Huwa qal li l-proċess tat-*tender* wasal fil-fazi ta' evalwazzjoni u kif jingħata t-*tender* ikun jista' jibda x-xogħol. Il-Viċi Sindku tkellem dwar sistema ta' *drip irrigation* biex il-wiċċ tal-Jogging Track ikun jista' jsir bit-turf. Huwa qal ukoll li jridu jsiru l-*connections* għall-ħames *water fountains* li ser jiġu nsallati f'*area*. Saret referenza wkoll għall-Wifi li kien ġie mwiegħed lill-Kunsill meta saret iż-żona tal-qari f'parti minn dan il-ġnien u li sa llum għadu ma ġiex installat. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tikteb lill-awtoritajiet konċernati dwar dawn il-pendenzi.

Il-Viċi Sindku staqsa wkoll dwar il-pompa *submersible* li kellha ssir fil-ġibja ta' Triq il-Ġnien. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li meta tkellmet mal-Kuntrattur dwar il-*connection* tad-dawl għal din il-pompa kien qalla li trid issir trinka minn naħa ta' isfel tat-*track* u hemm spiża konsiderevoli nvoluta f'dan il-proċess. Il-Viċi Sindku qal li d-dawl jista' jitwassal sal ġibja mill-eqreb lampa li hemm fl-*area*.

### 4.2 Attivitajiet Kulturali

#### *4.2.1 Summer Chinese Film Festival*

Il-Viċi Sindku tkellem dwar laqgħa li kellhu ma' rappreżentanti taċ-China Cultural Centre dwar attivitajiet kulturali li ser isiru fil-Ġnien Ciniż. Huwa ta dettalji dwar is-Summer Chinese Film Festival li ser isir bejn is-26 u it-28 ta' Awissu 2016 u qal li din is-sena, għall-ewwel darba, ser ikun hemm ukoll *display* tal-logħob tan-nar fl-ewwel ġurnata tal-festival. Is-Sur Cutajar qal ukoll li ser ikun hemm *food stall* bl-ikel Ċiniż li jinxtara b'sistema ta' *vouchers*. Huwa qal li l-Kunsill ser idaħħal 20% mill-bejgħ ta' dawn il-*vouchers* skond kif hemm stabbilit fil-Bye-Laws ta' Ġnien is-Serenita'. Fir-rigward tal-ispejjeż involuti l-Viċi Sindku qal li l-Kunsill ser ikun responsabbli biss mill-kiri tas-siġġijiet bħas-snin ta' qabel u li ċ-China Cultural Centre ser tieħu ħsieb l-ispejjeż l-oħra nkluż l-ispiża tal-logħob tan-nar.

### 4.2.2 Chinese Mid-Autumn Festival / Moon Festival Performance

Fir-rigward tal-attivita' tal-Mid-Autumn Festival, is-sur Cutajar qal li din ser issir fil-15 ta' Settembru 2016 u qal li ċ-China Cultural Centre jixtiequ li dan ikun attivita' annwali li isir ta' kull sena fi Ġnien is-Serenita'. Huwa qal li din is-sena l-attrazzjoni prinċipali ser tkun *performance* minn Shaolin Kongfu and Acrobatics.

## 4.3 Taraġ fi Triq Mabel Strickland

Il-Kunsill iddiskuta suġġeriment ta' resident li ressaq il-Viċi Sindku fir-rigward tat-taraġ u ħajt imżaqqaq li hemm fi Triq Mabel Strickland**.** Fir-rigward tal-ħajt imżaqqaq ġie nutat li dan x'aktarx li ġej kawża tas-siġar li hemm fi Triq Maria De Domenicis u l-Kunsill qabel li jieħu parir dwar dan. Rigward it-taraġ għandu jintalab il-parir tal-perit dwar jekk jistgħax jitneħħa it-taraġ u floku ssir rampa.

## 4.4 New Street Lighting

### *4.4.1 Dawl ġdid fi Triq Bruka*

Il-Kunsill approva kwotazzjoni ta' Nexos Street Lighting li tammonta għas-somma ta' €775.00 li tinkludi l-provista u nstallazzjoni ta' arblu komplut bil-lanterna u *demarcation box*. Il-Kunsill qabel li tinġieb kwotazzjoni tat-trinka li hemm bżonn biex tinġieb il-provista tal-eletriku sa fejn dan l-arblu.

### *4.4.2 Talba għal dawl ġdid fi Triq Tulipan u Triq il-Vjoli*

Il-Kunsill iddiskuta talba għal dawl ġdid fit-toroq hawn fuq imsemmija. Ġie deċiż li l-perit tal-Kunsill għandu jħejji *siteplan* tal-post fejn qed jiġi propost li jsir dawn

ġdid ħalli ssir talba lill-Enemalta biex il-Kunsill ikollu ndikazzjoni ta' minn fejn hu possibbli li tinġieb il-provista tad-dawl.

### 4.4.3 Rampa/taraġ fi Triq Dun M.Mifsud

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-rampa fi Triq Dun M. Mifsud li għandha parti minnha rampa u parti taraġ li ma tinsabx fi stat tajjeb u tista' tkun ta' periklu. Il-Kunsill qabel li din għandha tiġi rranġata b'mod li ma tibqax tkun ta' periklu u jsir ukoll *hand rail*.

### 4.4.4 Reserved parking fi Triq Pepprin

Il-Kunsillier Liam Sciberras issuġerixxa li fi Triq il-Pepprin issir *reserved parking* għal persuni bi bzonnijiet speċjali**.**

### 4.4.5 Żbir ta' Siġar

Il-Kunsillier Sciberras qal li hemm bżonn li jinżabru s-siġar li hemm fejn il-monument tas-Symbiosis fi Triq Inez Soler kantuniera ma' Triq San Piju X. Huwa qal l-friegħi qed jagħtu għal fuq il-bankijiet u daħlu ma dawk tas-siġar li hemm fi Triq San Piju X. Huwa qal ukoll li s-siġar fi Triq Margeriti mhux qed jissaqqew.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 6224 sa numru BOV 6230 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn it-30 ta' Ġunju 2016 u l-4 ta' Lulju 2016.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru16-16(27-06-2016)

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Lulju 2016 Ammont *Gross* €4720.38

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Ewro |
|---|---|---|---|
| Joseph & Spiridione Zammit | RC(57-14-01) | Serv.-Ġunju 2016 | 1961.67 |
| Owen Borg | PCA(57-14-02) | Serv.-Ġunju 2016 | 366.93 |
| Nexos Str.Lighting | SL(57-09-04) | 2010961 | 1156.20 |
| Rite Mix(Gatt Bros.) | RR(PPP) 57-11-02 | Triq Inez Soler – 5th Installment | 4642.20 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | Serv. Gunju 2016 | 2061.50 |

### 5.4 Servizz ta' Kordinatur

Il-Kunsill approva l-ħlas ta' €25.00 għal servizz ta' kordinatur waqt attivita' li saret bi ħlas fi Ġnien is-Serenita skond il-*Bye-Laws* ta' Ġnien is-Serenita'.

### 5.7 Servizz ta' Watchman fi Ġnien is-Serenita' nhar ta' Sibt, il-Ħadd u l-Festi

Il-Kunsill approva l-ħlas ta' €235.20 għal servizz temporarju ta' *watchman* li ngħata f'Ġunju 2016 fin-nuqqas ta' servizz ta' *watchman* li tneħħew minn Ġnien is-Serenita' matul il-jum fil-ġranet hawn fuq imsemmija.

## 6. RAPPORT FINANZJARJU GĦAL PERJODU 01-01-2016 – 31-03-2016

Il-Kunsill iddiskuta r-rapport finanzjarju ta' l-ewwel kwart tas-sena li ġie mħejji mill-*Accountant* tal-Kunsill, is-Sinjura Debono. Hija qalet li l-Kunsill għalaq l-ewwel kwart tas-sena b'*surplus* ta' €9318.00. Hija żiedet tgħid li f'dawn l-ewwel tlett xhur ma kienx hemm infieq sinjifikanti għajr l-ispiża nvoluta biex inbidlu l-*floodlights* fil-*5-a-side football pitch*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll li l-Kunsill irnexxielu jaqta' d-dejn fuq il-*premises* b'€5000.00. Il-Viċi Sindku staqsa jekk tistax issir *revaluation* tal-*premises* tal-Kunsill. Saret referenza għal *financial situation indicator* li qiegħed taħt dak mitlub bil-liġi. L-*accountant* tal-Kunsill spjegat li minkejja li l-Kunsill għandu l-likwitita', il-*financial indicator* qiegħed fin-negattiv għax qed jiġi affettwat ħażin mill-flus li l-Kunsill għad għandu jagħti taħt l-iskema tal-PPP. Il-Kunsill qabel li għanda tintalab linja gwida mid-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar din is-stwazzjoni.

## 7. BYE-LAWS – ĠNIEN IS-SERENITA'

Il-Kunsill qabel li din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 8. AMBAXXATUR TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Is-Sindku qal li xtaq ninnomina lil Rachel Mamo għal kariġa ta' Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ ta' Santa Luċija. Il-Kunsill qabel lis-sinjorina Mamo tiltaqa' mal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss ħalli jiġu ċċarati l-*commitments* li hemm marbuta ma' din il-kariga.

## 9. COMMUNITY WORKERS SCHEME – MEMORANDUM AGREEMENT

Il-Kunsill iddiskuta l-*memorandum agreement* fir-rigward tas-sitt ħaddiema li għandu assenjati miegħu l-Kunsill taħt il-Community Workers Scheme. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-imsemmi *agreement* jorbot sew lill-Kunsill kif ukoll lill-ħaddiema b'ċertu responsabiltajiet u obbligi. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li għal dan il-għan tħejjiet lista bir-responsabilitajiet ta' kull wieħed minn dawn il-ħaddiema, liema lista ser tintbagħt lid-District Operations Ltd kif ukoll qed tiġi ippreżentata waqt din il-laqgħa. Hija qalet li kull ġimgħa ser issir *work plan* ta' ħames t'ijiem biex xogħolijiet assenjati mis-Sindku għal dawn il-ħaddiema. Il-Kunsill qabel li din il-*work plan* għandha tintbgħat ukoll lil membri tal-Kunsill biex huma wkoll ikunu jistgħu jagħtu kontribut fl-immoniterjar ta' dawn ix-xogħolijiet. Is-Sindku qal li uffiċjali ta' District Operations Ltd ser ikunu qed ikellmu lil ħaddiema dwar il-ħinijiet u siegħat tax-xogħol u dwar proċeduri dixxiplinarji u *performance bonus* li jingħata mill-Kunsill fl-aħħar tas-sena li jkun ibbażat fuq tlett kriterji – lill-ħaddiema jirrispettaw il-ġimgħa ta' erbgħin siegħa xogħol, ilestu x-xogħol f'ħin raġonevoli u li jilbsu il-*health and safety wear* li pprovdilhom il-Kunsill. Saru xi suġġerimenti dwar ir-responsabilitajiet

ta’ dawn il-ħaddiema u l-Kunsill approva x-xiri ta’ *wheely bins* biex jintużaw waqt xogħol marbut ma tindif ta’ faċilitajiet rekreattivi.

**TMIEM/AĠĠORNAMENT**

Il-Laqgħa ntemmet fil-4.45p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar it-Tlieta, 23 ta' Awissu 2016 fis-1.30p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ...................,..... ta' ..................… 2016**

**Terrence Ellul**
**Sindku**